MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 46/2004

**Marlene Farrugia**

**vs**

**Mario Farrugia li jiggestixxi n-negozju taht l-isem Rags Shirting**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attrici fil-21 ta' Jannar, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi l-attrici Marlene Farrugia li kienet impjegata ma Mario Farrugia li jiggestixxu n-negozju taht l-isem 'Rags Shirting' ta' Mons M. Azzopardi Str, Siggiewi, wegghet fuq il-post tax-xoghol F'Gunju 2000 meta hija kienet ordnata mill-istess imghallem taghha sabiex ggorr pezzez tad-

drappijiet pjuttost tqal u dan nonostante l-fatt li l-impieg taghha kien ta’ machine operator;

Illi bhala konsegwenza diretta ta’ l-incident fuq imsemmi l-attrici sofriet disabilita’ permanenti kif johrog car mid-diversi certifikati medici annessi u mmarkati bhala Dok. A sa J u peress li l-attrici ghadha sal-lum taht kura u terapija medika;

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni favur l-attrici minhabba incident suriferit, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh f’Gunju 2000 fuq il-post tax-xoghol u cioe’ fil-fond fejn jopera in-negozju tieghu l-istess konvenut u li bhala konsegwenza tal-incident de quo, l-attrici sofriet dizabilita’ ta’ natura permanenti;

2. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici d-danni kollha li nkorriet l-attrici bhala konsegwenza tal-istess incident, u dana f’ammont li ghandu jigi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti occorendo bl-ghajnuna ta’ periti nominandi;

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittri gudizzjarji datati 4 ta’ Lulju 2001 u 22 ta’ Mejju 2003 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Farrugia, *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponenti jecceppixxi l-inkompetenza *ratione valoris* ta’ din l-

Onorabbli Qorti stante illi l-ammont ta' danni allegament sofferit mill-attrici ma jeccedix hamest elef lira Maltin (LM5,000);

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fit-tielet lok u fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi huma nfonati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut mhux responsabbli ghad-debilita' permanenti li l-attrici allegatament sofriet fuq il-post tax-xoghol;

4. Illi jsegwi ghalhekk illi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attrici;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Mario Farrugia;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat il-verbal taghha tal-1 ta' April, 2004 li permezz tieghu il-konvenut irtira it-tieni eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2004 li permezz tieghu il-Qorti hatret lil Mr Charles Grixti bhala espert mediku biex jezamina lill-attrici u jirrelata bil-miktub dwar xi dizabilita permanenti li setghet sofriet l-attrici kawza tal-incident in kwistjoni.

Ikkunsidrat :

Illi xehed ir-ragel tal-attrici Stephen Farrugia, ikkollabora ix-xiehda tal-mara tieghu u xehed illi meta kien wera il-karta tal-injury lill-konvenut, il-konvenut kien qallu “fejn m’hemmx gwadann m’hemmx firem”. Qallu ukoll “min ma jahdimx mieghi ma jiekolx.” Ix-xhud ikkonferma li l-attrici ghadha tiehu il-pilloli sallum u minkejja li kienet mugugha dejjem ghamlet minn kollox biex tidhol tahdem kull meta cemplilha il-konvenut u qabel ma inhargilha ic-certifikat tas-sick leave “open”.

Illi xehdet l-attrici u qalet illi ghal dawn l-ahhar sitt snin qabel korriet, kienet impjegata bhala machine operator mas-socjeta’ Rags Shirting li l-principal taghha huwa il-konvenut. Hija xehdet illi darba minnhom meta kienet qeghda tahdem, il-konvenut gie b’van mghobbi bil-pezzez u qabbad lill-impjegati tieghu fosthom lilha biex ihottu dawn il-pezzez. Hija qalet illi l-pezzez kienu tqal hafna u kull pezza kellha tingarr minn tnejn minn nies. Kif bdew ihottu il-pezzez, hasset skoss qawwi f’ghonqha u infurmat lil Michelle Xuereb li maghha kienet qeghda igorr il-pezza. Michelle meta semghatha tghid illi wegghet, issuggeritilha biex tmur tkellem lill-konvenut u hi hekk ghamlet. Meta il-konvenut sema b’dan beda igerger gholla lehnu u qalilha li din kienet skuza u hi qaltlu li verament hadet skoss, izda hu beda jghajjat baghatha f’postha u hi obdietu peress li kienet tibza minnu. L-attrici kompliet tixhed li minn dikinhar baqghet isoffri b’daharha, l-ugiegh kien insopportabbli u sallum daharha juggaghha hafna, idejha jorqdu u ghamlet iljieli shah ma torqodx bl-ugiegh. Hija xehdet illi qabel dan l-incident qatt ma hasset ugiegh u qatt ma hadet sick leave, izda wara kellha tiehu is-sick leave. Il-konvenut kien icemplilha spiss biex tmur ghax-xoghol, izda hija avvicinatu biex tinfurmah li kienet mugugha, izda hu qalilha “ara x’se nghidlek, jekk trid tibqa’ tahdem hawn, ibqa ejja ghax-xoghol u jekk ikollok bzonn l-ghajnuna nghid lil xi hadd jghinek” u hi kienet accettat. Izda l-attrici kompliet tixhed li mhux dejjem kienet issib l-ghajnuna li kien weghda il-konvenut, peress li hafna drabi ix-xoghol kien ikun mghaggel u il-konvenut kien jghidilha li xogholha ried johrog xorta wahda u kien jisfurzaha biex tibqa tidhol ghax-xoghol, u hi kienet tisforza u tibqa tahdem. L-attrici xehdet illi damet xahar u

nofs ghaddejja tahdem minn mindu bdielha l-ugiegh. Fis-17 ta' Lulju harget mugugha mix-xoghol u zewgha hadha ghand it-tabiba Dr Sammut li ghamlitilha certifikat biex tiehu erbat ijiem sick leave u baghatitha ghat-terapija il-poliklinika peress li irrizulta li kellha il-muskoli ta' daharha iebsin. F'dawn l-erbat ijiem li kienet bis-sick leave, avzat lill-konvenut u l-ghada il-konvenut baghatilha it-tabib tax-xoghol id-dar. Wara dawn l-erbat ijiem sick leave, l-attrici irritornat ix-xoghol. Fl-24 ta' Lulju 2000 kienetipprezentat lill-konvenut ic-certifikat mediku, ic-certifikat tat-tabib tax-xoghol u il-biljett tat-terapija u il-konvenut beda jghajjat u qalilha, "wara li hadt is-sick leave tippretendi li nibghatek ghat-terapija ukoll," ramhielha ic-certifikati u kellha tigborhom mill-art. Il-konvenut rega' baghatha tahdem u hi hekk ghamlet, izda qabel ma ghadda in-nofs ta' xahar ma felhitx tkompli tahdem izjed ghaliex l-ugiegh zdiedilha. Hija xehdet illi dak il-hin il-konvenut ma kienx hemm, marret tghid lis-supervisor li ma tahiex permess titlaq mix-xoghol u qalilha illi kellha tissaporti sa kemm jirritorna il-konvenut, izda gara li dakinhar il-konvenut ma irritornax, harget mix-xoghol u regghet marret ma zewgha ghand it-tabib u it-tabib ghamlilha certifikat tas-sick leave open. Hija qalet li dik kienet l-ahhar gurnata li dahlet tahdem u kien zewgha li mar jaghti ic-certifikat lill-konvenut. Minn dakinhar bdiet tmur ghat-terapija regolari fil-poliklinika ta' Hal-Qormi u mill-poliklinika ghamlulha certifikat mediku iehor. Tlett gimghat wara, regghet marret ghand it-tabib li irreferiha ghand Professur l-isptar. Il-Professur kien ezaminaha u qalilha li kellha slipped-disc peress li kellha nerve maqrus. L-attrici xehdet li ghamlet tmien xhur bil-kullar u bdiet tiehu il-pilloli ghad-depression li ghadha tehodhom sallum. L-attrici xehdet illi zewgha kien mar ghand il-konvenut bic-certifikati u il-konvenut kien qallu illi kien ser jirranga kollox. Madanakollu meta zewgha rega' mar il-gimgha ta' wara biex jaghti ic-certifikat tat-tabib lill-konvenut, il-konvenut qallu li ma kellux bzonn ic-certifikat u qallu biex jiehu il-karti tal-injury kollha lura. L-attrici kompliet tixhed illi il-konvenut halla vojta il-karti tal-injury kollha u is-social services tawha parir biex il-karta tal-injury tigi iffirmata minghand pulizija u effettivament marret l-ghassa tal-pulizija ta' Haz-Zebbug u il-pulizija li kien duty kien iffirmalha il-karti tal-injury. L-attrici xehdet illi marret

ukoll il-labour office fejn kellmet lis-Sur Ivan Spiteri Lucas u dan kien cempel lill-konvenut. Hija marret id-dar u cemplilha is-Sur Ivan Spiteri Lucas u infurmaha li l-konvenut ma kellu l-ebda intenzjoni li jirranga u li ma kienx dispost imur ikellmu. Fl-ahhar ta' Awissu 2000, il-konvenut kien rega' cemplilha u qalilha biex tibghat lil zewgha imur ikellmu ghaliex kellu karta importanti. Effettivament il-konvenut riedha tiffirma il-karta tat-tmiem tal-impjieg taghha u tirritornahielu malajr kemm jista jkun. Hija ma iffirmatx din il-karta fuq parir tal-labour office, izda fis-sajf tas-sena 2000, gie terminat l-impjieg taghha. Hija irceviet ittra fejn tnizzel li giet imkeccija mix-xoghol minhabba raguni ta' sahha. L-attrici xehdet illi meta dehret quddiem il-Bord tal-Injury, dawn ma kienux sabu il-file taghha tal-isptar peress illi kien inhareg minn postu bi ksur tal-procedura tad-dipartiment.

Illi xehdet ukoll Michelina sive Michelle Xuereb, illi kienet impjegata mar-Rags Shirting. Hija xehdet illi kienet taf lill-attrici tahdem hemm hekk u darba minnhom l-imghallem kien ordna lilha u lill-attrici u lil zewg impjegati ohra biex ihottu pezzez mill-van tieghu. Waqt li kienu qeghdin ihottu dawn il-pezzez, l-attrici hadet skoss f'ghonqha ghal idejha. L-attrici kienet qaltilha b'dan u hi kienet qaltilha biex tmur tghid lill-principal u cioe' lill-konvenut. Ix-xhud qalet illi dawn il-pezzez kienu twal u tqal. L-ghada l-attrici xorta wahda kienet dahlet ghax-xoghol u kienet qaltilha li kienet qeghda tugaghha idejha. Hija xehdet illi l-attrici kienet baqghet tbati wara dan l-incident u kellha wkoll tmur l-isptar u tiehu il-medicina u kellha tieqaf mix-xoghol u ma hadmitx iktar. Hija xehdet illi l-konvenut spiss kien jghajjat mal-impjegati u kien jghajjat ukoll mal-attrici.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat ir-rapport tal-espert mediku minnu ipprezentat u ikkonfermat bil-gurament fis-16 ta' Mejju 2005.

Illi l-espert mediku wasal ghall-konkluzjoni illi l-attrici gibdet *nerve* minn ghonqha meta kienet qeghda zzarma craret minn gol-van fit-18 ta' Lulju 2000. Ghalkemm giet trattata bil-pilloli ta' l-infjamazzjoni u b'kullar, l-ugiegh

ippersista. L-attrici ma kellha l-ebda problemi f'ghonqha qabel l-accident. L-MRI wera li kellha disk zghir bejn il-hames u s-sitt rukell cervikali. Dan ma jffissirx necessarjament illi kien id-disc illi kien qieghed jikkaguna s-sintomi li kellha. L-EMG ikkonferma li n-*nerve* tad-drieh tal-lemin u tax-xellug kien migbud minn ghonqha. Minhabba dan, l-attrici ma tistax toqghod b'ghonqha baxxut ghal hin twil u lanqas ma tista' terfa' affarijiet tqal jew tixxabbat ghall-affarijiet. La darba is-sintomi baqghu jippersistu ghal dan l-ahhar erba' snin, ma tantx hemm tama li sa jissetiljaw u ghalhekk l-espert mediku ta' stima ta' dizabilita permanenti li sofriet l-attrici kagun ta' l-accident li kellha fit-18 ta' Lulju 2000 ta' hamsa fil-mija (5%).

Illi xehed Dr John Zammit Montebello, it-tabib kuranti tal-attrici u qal illi f'Lulju tas-sena 2000, l-attrici pprezentat ruhha b'ugigh f'ghonqha niezel ghal idejha x-xellugija b'involviment tan-nerve ta' idejha u qal illi dan kien kompatibbli ma tqandil ripetut. Huwa xehed illi baghat lill-attrici l-isptar wara li kien taha pilloli kontra l-infjamazzjoni ghal tlett gimghat, u l-isptar kienu ghamlulha kullar ghal tmien xhur u physiotherapy. Ix-xhud qal illi kien ra lill-attrici diversi drabi wara, u l-attrici xorta ghadha tbati minn tnemnim fi tlett swaba u b'ugiegh f'ghonqha li jibqa niezel ghal idejha. Ix-xhud qal illi din kienet l-ewwel darba li l-attrici kienet ilmentat minn dan l-ugiegh. Huwa xehed ukoll illi l-attrici trid tibqa tiehu il-kura peress illi ghadha mugugha. Hija tiehu pilloli anti-inflammatory.

Illi xehed Mr Frederick Zammit Meampel u qal illi kien jara lill-attrici l-isptar. Huwa qal illi l-attrici kienet tilmenta minn ugiegh f'ghonqha li jinzel ghad-driegh tal-lemin sal-minkeb u wara l-investigazzjoni, sabu li kellha nerve maqrus u l-MRI urew d-disc zghir u ghamlu wkoll test li jismu EMG, li ikkonferma li in-nerve huwa maqrus minn ghonqha. Mr Zammit Meampel ikkonferma li huwa ta lill-attrici disability ta' hamsa fil-mija (5%) peress illi id-disc kien maqrus, li kemm jista jkun ma toperax peress illi huwa disc zghir. Huwa xehed illi l-attrici meta izomm rasha imejla 'il quddiem, jew jekk iddur f'daqqa biex tirriversja thoss

ugiegh f'ghonqha u jkollha restrizzjoni fil-movimenti taghha u tbati wkoll minn tnemnim fis-swaba ta' idejha.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u qal illi l-attrici damet impjegata mad-ditta tieghu ghal erbgha snin. Huwa xehed li fis-17 ta' Lulju 2000, l-attrici irrapurtat ghax-xoghol, l-ghada irrappurtat sick, giet invistata mit-tabib tad-ditta Dr Brincat li iccertifika li kienet tbati minn shoulder pains u taha erbat ijiem sick leave. Fl-24 ta' Lulju 2000, l-attrici dahlet lura ghax-xoghol, filghodu kelmitu u qaltlu li kienet ghadha mugugha, izda ma talbitux biex titlaq id-dar. L-ghada l-attrici regghet irrapurtat li kienet ma tiflahx u zewgha gablu certifikat tal-mard miftugh li jghid illi kienet qeghda tbati minn Cervical Neuralgia. Il-gimgha ta' l-istess gimgha, ir-ragel tal-attrici kien gie il-fabbrika biex jigbor il-paga tal-attrici u gablu certifikat tal-mard miftuh iehor li bhal ta' qablu kien jiccertifika illi l-attrici kienet qed tbati minn Cervical Neuralgia. Fl-4 ta' Awissu 2000, ir-ragel tal-attrici kien gablu certifikat miftuh iehor u kien kellem ukoll lis-supervisor. Il-konvenut kompla jixhed illi kien kellem lill-attrici u qalilha li kellu bzonn li hija terga tidhol ix-xoghol peress illi kienet qeghda tikkawzalu problemi kbar fil-produzzjoni u fakkarha fir-responsabbilita illi kellha ghall-impjieg ta' shabha. Il-konvenut xehed illi ftehmu illi l-attrici kellha tmur ghand specjalista, illi kellha tiehu is-sick leave kollu li kienet intitolata ghalih u tirrizenja, u kif sahhitha tmur ghall-ahjar hu jerga jimpjegaha mal-ewwel opportunita. Il-konvenut xehed illi ftehmu li d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg taghha kellha tkun it-13 ta' Awissu. Il-konvenut xehed illi mar ir-ragel tal-attrici, spjegalu kollox u qallu li kellu tlett kopji ta' dokument li martu kellu tiffirma u izomm wiehed ghaliha, it-tnejn l-ohra iffirmati kellha tirritornahomlu, izda effettivament dawn qatt ma waslu ghandu. Il-konvenut kompla jixhed illi wara xi zmien ma kellux ghazla ohra hlief li jibghat dawn id-dokumenti l-ETC minghajr il-firma tal-attrici u dawn gew accettati u l-attrici sarfet ic-cheque ta' dak kollu dovut lilha fit-30 ta' Awissu 2000. Il-konvenut kompla jixhed illi r-ragel tal-attrici beda jinsisti mieghu illi martu kienet wegghet fuq ix-xoghol u illi hu kellu johorgilha l-injury

report. Il-konvenut xehed illi kien qallu illi biex jaghmel dan kellu bzonn ta’ firma ta’ xi hadd minn shabha li ra l-incident isir. Qallu li kien lest li jixhed quddiem il-Bord Mediku u dana peress illi l-konvenut kien qallu li kien ser jipprova jghaddi lill-attrici Bord. Il-konvenut kompla jixhed illi fl-14 ta’ Awissu 2000 meta kienu bix-shutdown, il-konvenut mar ihabbatlu id-dar, kellu injury report u insista li hu kellu jimlih u jiffirmah. L-ghada kien rega mar ikellmu u il-konvenut kien qallu li hu ma kienx ser jiffirma l-injury report. Il-konvenut kompla jixhed illi fit-12 ta’ Settembru 2000 kien cempillu is-Sur Ivan Spiteri tal-Labour Office. Il-konvenut mar ikellmu u is-Sur Spiteri kien qallu li l-kaz tal-attrici kien wiehed genwin u kien ordnalu jimlilha engagement form, jew ittra ta’ spjegazzjoni u jibghathom lis-Sur Ralph Xerri tal-ETC. Il-konvenut xehed illi dan kien qallu li kien fl-interess tieghu li jirregolarizza l-affarijiet u hu kien spjegalu illi l-produzzjoni tal-attrici dejjem kienet tkun baxxa u statika u li l-attrici qatt ma kienet talbitu biex jibdlilha ix-xoghol. L-ghada kien cempel lis-Sur Spiteri u talbu jiktiblu ittra u jispjegalu dak li kien qallu il-gurnata ta’ qabel, izda is-Sur Spiteri beda jirrabja u qallu li hu, jigifieri il-konvenut, kien qieghed jipprova iqarraq bl-attrici. Il-konvenut xehed illi finalment is-Sur Ivan Spiteri accetta it-talba tieghu u eventwalment irceva ittra datata 14 ta’ Settembru 2000 u f’din l-ittra Ivan Spiteri ibaza it-teorija ta’ RSI fuq iz-zewg noti ta’ Dr Zammit Montebello. F’din l-ittra is-Sur Spiteri heddu li jaqbillu jirregolarizza l-posizzjoni tieghu mal-ETC u fin-nuqqas, l-attrici kellha d-dritt li tressaq il-kaz taghha quddiem it-Tribunal Industrijali fuq tkeccija ingusta. Il-konvenut xehed illi l-avukat tieghu kien qallu ma jaghtix kaz dan it-theddid u illi l-attrici kellha dritt tiehu l-kaz taghha quddiem it-Tribunal Industrijali. Fl-10 ta’ Novembru 2000, huwa irceva ittra mis-segretarjat tat-Tribunal Industrijali u kien gie infurmat illi l-Ministru tal-Politika Socjali kien irrefera il-kaz tal-attrici dwar tkeccija mill-impjieg allegata li kienet ingusta biex tigi deciza mit-Tribunal Industrijali. Il-konvenut qal illi huwa qatt ma gie mitlub jixhed quddiem it-Tribunal Industrijali u illi fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2004, ic-Chairman tat-Tribunal Industrijali ikkonkluda li l-attrici spiccat mix-xoghol fit-13 ta’ Awissu 2000 wara li hadet is-sick leave kollu, u ghaldaqstant ma kienx hemm tkeccija mill-impjieg. Huwa xehed ukoll illi d-

Dipartiment tas-Servizzi Socjali kien accetta illi l-attrici kienet korriet fuq ix-xoghol u li hu kien taha il-kumpens. Il-konvenut sostna li l-allegat korriment li qeghda tilmenta minnu l-attrici ma garax fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk ma ghandux ikun tenut b’xi mod responsabbli ghal dak li setghet garrbet l-attrici.

Ikkunsidrat :

Illi in kontro-ezami l-attrici xehdet illi hija wegghet f’Gunju, izda marret tkellem lit-tabib madwar xahar u nofs wara li kienet wegghet fuq ix-xoghol.

Illi l-Qorti issa ser tezamina it-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija illi l-Qorti ma ghandhiex l-kompetenza *ratione valoris,* stante illi l-ammont ta’ danni allegament soffert mill-attrici ma jeccedix hamest elef lira Maltin (LM5,000), ekwivalenti ghal hdax il-elf sitt mija sitta u erghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

Illi hija gurisprudenza kostanti illi f’kawzi fejn il-valur ghall-likwidazzjoni tad-danni, jew xorta ohra jkun indetermintat, dawn il-kawzi ghandhom jigu intavolati quddiem din il-Qorti. F’dan ir-rigward, il-Qorti rat sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Ignazia Degabriele vs Joseph Attard et fit-23 ta’ Gunju 2005 liema sentenza inghatat mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili.

Illi fil-kaz de quo, l-ammont tad-danni ma setghax jigi determinat qabel ma giet intavolata il-kawza u ghalhekk il-kompetenza esklussiva ta’ dan il-kaz taqa f’idejn din il-Qorti.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tirrispingi din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Il-Qorti rat illi l-konvenut stess irtira it-tieni eccezzjoni tieghu.

Illi ghalhekk fadal illi tigi deciza it-tielet eccezzjoni, u cioe' li it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut mhuwiex responsabbli ghad-debilita' permanenti li l-attrici allegatament sofriet fuq il-post tax-xoghol.

Illi minn ezami tal-provi kollha li gew prodotti, irrizulta illi l-attrici verament korriet fuq il-post tax-xoghol. Hija spjegat dettaljatament, liema xiehda taghha giet ukoll kollaborata minn xhud illi xehdet illi kienet mal-attrici fil-mument li bdiet igorr il-pezza tad-drapp, u illi f'hin minnhom l-attrici bdiet tilmenta minn ugiegh f'ghonqha u fil-fatt irrizulta illi waqt illi l-attrici bdiet thott l-ewwel pezza flimkien mal-kollega taghha, hasset skoss qawwi f'ghonqa u fuq suggeriment tal-kollega taghha, marret tghid b'dak li gara lill-konvenut illi ghajjat maghha u qalilha li din kienet skuza biex ma tkomplix igorr.

Illi irrizulta wkoll illi l-attrici kienet tibza mill-konvenut u kienet obbedjenti u illi qabel dan l-incident hija qatt ma hadet sick leave. Irrizulta illi l-attrici kompliet tmur ix-xoghol sa kemm ma felhitx aktar u kellha tohrog bis-sick leave.

Ikkunsidrat :

Illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi "it is the employer's duty to provide a safe system of work" u f'dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenzi moghtija fil-kawzi fl-ismijiet Calleja vs Fino deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1980, Francis Aquilina vs Louis Cassar pro et noe deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Frar 2001, Carmelo sive Charles Galea vs Albert Mizzi pro et noe deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fit-23 ta' April 2001, fost sentenzi ohrajn.

Illi l-Qorti rat illi il-konvenut naqas milli jipprova illi huwa ipprovda ghas-sahha u ghas-sigurta tal-impjegati tieghu. Mhux talli hekk, talli irrizulta illi l-konvenut kien mohhu biss biex itella il-production u wara illi l-attrici harget bis-sick leave mar iffittixha anke fid-dar taghha, fejn talabha tirritorna ghax-xoghol, u dan minkejja il-fatt illi kien jaf illi

qeghda tmur l-isptar u qeghda taht il-kura ta' specjalista minhabba l-ugiegh li kienet qeghda issofri minnu.

Illi l-attrici irnexxielha tipprova illi qeghda tbati minn 5% disability u dan kif ikkonkluda l-espert mediku mahtur mill-Qorti.

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tirrileva illi l-konvenut ma talabx ghall-hatra ta' esperti medici addizzjonali u lanqas biss ma ghamel eskussjoni tar-rapport tal-espert mediku.

Illi apparti dan l-attrici tellghet jixhdu wkoll lil Dr John Zammit Montebello u lil Professur Frederick Zammit Maempel illi spjegaw dettaljatament il-kundizzjoni li qeghda tbati minnha l-attrici.

Illi l-Qorti rat illi irrizulta mill-provi illi l-konvenut naqas milli juza id-diligenza ta' bonus pater familias kif inhu mistenni minn min ihaddem, peress illi naqas milli jipprovdi "a safe system of work" u inoltre ta' xoghol lill-attrici illi ma kienx il-kompitu taghha illi taghmel. Hija kienet machine operator, izda hu inkarigaha biex thott, igorr u tqandel pezzez tqal ta' drapp.

Illi irrizulta wkoll illi minhabba dan kollu, l-attrici korriet u qeghda f'qaghda fejn ma tistax tahdem u ghalhekk il-Qorti tara illi ghandha tiffissa somma ex aequo et bono sabiex timxi mal-principju tar-restitutio in integrum u tikkumpensa lill-attrici ghat-telfien finanzjarju illi sofriet tort tal-incident mertu ta' din il-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi stabbilit dan il-Qorti sejra tghaddi sabiex tillikwida id-danni.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-lucrum cessans, dwar il-metodu kif jigi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-Qrati taghna adottaw diversi kriterji f'dan ir-rigward.

Illi dejjem gie ritenut illi l-Qorti ghandha poteri diskrezzjonali f'dan ir-rigward.

Illi ghal numru ta' snin il-Qrati taghna dejjem segwew il-metodu stabbilit fil-kawza Butler vs Heard, izda f'certu cirkostanzi ikun aktar gust u ekwu illi l-Qorti tiffissa somma arbitrio boni viri sabiex taghmel tajjeb ghas-sitwazzjoni illi tinsab fiha il-persuna li tkun sofriet dizabbilita permanenti.

Illi f'kazijiet bhal dawn, wiehed irid jindaga r-rapport ta' kawzali bejn il-kondotta u l-event dannuz, sabiex jigi stabbilit illi l-kawza prossima ta' l-incident kienet tort tal-konvenut.

Illi kif diga intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, l-espert mediku stabbilixxa ir-rata ta' dizabbilita permanenti illi minnu qeghda tbati l-attrici fil-ammont ta' hamsa fil-mija (5%) u il-Qorti rat illi l-konvenut bl-ebda mod ma ikkontesta dan il-percentagg u kif diga intqal, lanqas talab ghall-hatra ta' periti medici addizzjonali u lanqas biss eskuta ir-rapport tal-perit mediku.

Illi irrizulta mill-provi illi l-attrici illi kienet tahdem full time, kellha basic salary ta' mija u tmien liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (LM108.26), ekwivalenti ghal mitejn tnejn u hamsin ewro u tmintax il-centezmu (€252.18) kull hmistax il-gurnata, izda din il-prova ressaqha il-konvenut u mhux l-attrici. L-attrici talbet fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi l-Qorti tiddeciedi ex aequo et bono u timxi mal-principju tar-restitutio in integrum.
Illi ghalhekk il-Qorti qeghda taddotta ir-rapport tal-perit mediku u taghmlu bhala taghha.

Illi fir-rigward tal-multiplier u il-kriterju ta' kif wiehed iqis il-kejl tieghu hemm diskrezzjoni moghtija lill-gudikant, illi irid iqis u jizen ic-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex issir il-gustizzja.

Illi l-Qorti, sabiex tiddetermina il-multiplier, ghandha tiehu in konsiderazzjoni ic-chances and changes of life b'mod li il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens

daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt illi il-persuna iddanneggjata setghet, fil-kors normali ta' hajjitha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni. Izda f'sentenzi ohrajn, il-Qorti irriteniet illi f'din il-materja ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza, li jista' jonqos minn mument ghall-iehor, anke ghal kwalunkwe hsara materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat.

Illi fil-kaz odjern, il-Qorti tara illi ma hemmx bzonn ta' certu uniformita f'dan l-aspett tal-multiplier. Huwa minnu illi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti speci tieghu, izda irid ikun hemm xi tip ta' linja gwida sabiex avukati u ditti ta' l-insurance ikunu jistghu jirreferu ghaliha. Ghalhekk il-Qorti sejra tuza din il-formola ibbazata fuq l-eta tal-vittma sabiex tistabilixxi il-multiplier :

Minn 0 sa 15 il-sena il-multiplier ikun 40
Minn 16 sa 20 sena il-multiplier ikun 37
Minn 21 sa 25 sena il-multiplier ikun 35
Minn 26 sa 30 sena il-multiplier ikun 30
Minn 31 sa 35 sena il-multiplier ikun 25
Minn 36 sa 40 sena il-multiplier ikun 20
Minn 41 sa 45 sena il-multiplier ikun 15
Minn 46 sa 50 sena il-multiplier ikun 13
Minn 51 sa 55 sena il-multiplier ikun 11 u
Mill-eta ta' 56 sena 'il fuq sena il-multiplier ikun 5 jew anqas.

Illi fil-kaz in ezami l-attrici kellha 34 sena u ghalhekk il-multiplier ghandu jkun ta' 25.

Illi fir-rigward ta' lump sum payment, skond gurisprudenza kostanti, it-tnaqqis jigi ridott jekk jkun hemm it-trapass ta' aktar minn tlett snin mid-data ta' meta tkun giet intavolata il-kawza sad-data tas-sentenza finali. Il-Qorti f'dan ir-rigward rat sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Susan Davies vs Anthony Galea u Lizio sive Grazio Agius vs Bernard Grech Citazzjoni Nru 2681/1997.

Illi dan id-dewmien irid ikun dovut ghad-dilungar da parti tal-konvenut.

Illi dwar it-tnaqqis tal-lump sum payment, u il-percentagg ta’ tali tnaqqis, il-kazistika taghna turi illi dan jithalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Illi wara li l-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, inkluz il-fatt illi l-attrici kellha 34 sena meta korriet, il-Qorti tara li ghadha tadopera il-multiplier ta’ 25 u fir-rigward ta’ lump sum deduction il-Qorti ser tnaqqas 2% ghal kull sena ta’ dewmien, u peress li mis-sena 2004 sallum ghaddew 8 snin, il-lump sum deduction ser tkun ta’ 16%.

Illi ghalhekk ir-rizarciment tad-danni subiti mill-attrici ghandha tkun is-segwenti :

Hamest elef tmien mija u sittin ewro u erbghin centezmu (€5,860.40), il-paga illi kienet taqla l-attrici fil-gimgha, u din is-somma qeghda tigi multiplikata bil-multiplier ta’ hamsa u ghoxrin (25) u bil-hamsa fil-mija (5%) li hija dizabbilita permanenti li sofriet l-attrici, li twassal ghas-somma ta’ sebat elef tlett mija hamsa u ghoxrin ewro u hamsin centezmu ( €7,325.50) li minnha ser jitnaqqas il-lump sum deduction fil-percentwali ta’ sittax fil-mija (16%) li iwassal ghas-somma ta’ elf mija tnejn u sebghin ewro u tmien centezmu (€1,172.08), sabiex b’hekk l-ammont totali dovut lill-attrici bhala lucrum cessams huwa ta’ sitt elef mija tlieta u hamsin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€6,153.42).

Il-Qorti ikkunsidrat illi l-attrici ma ressqet l-ebda prova fir-rigward tad-damnum emergens u ghalhekk ma tistax tillikwida danni sofferti minnha f’dan ir-rigward.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tichad l-eccezzjonijiet kollha l-ohrajn tal-konvenut u tilqa t-talbiet kollha attrici, u b’hekk tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici is-somma ta’ sitt elef mija tlieta u hamsin ewro u tnejn u erbghin

centezmu (€6,153.42) bhala danni illi inkorriet l-attrici bhala konsegwenza ta’ l-incident mertu ta’ din il-kawza. Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------